MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Avviz Numru. 319/2011

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv Nru 82/11 fl-ismijiet**

**Rita Borg**
(ID 709160 M)
vs
**David Grech (ID 353080M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat minn David Grech fis 26 ta' Settembru 2011 a tenur tal-artikolu 281 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn talab ghat-thassir, revika u annular tal-Mandat ta' Qbid ezekuttiv 82/2011.

Rat illi r-rikorrenti, fit-talbiet tieghu, ibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-premess illi l-Mandat meritu tar-rikors kien null u bla effett peress illi l-ittra ufficjali illi abbazi tieghu inhareg il-mandat ezekuttiv kienet intbghatet minn 'Rita Borg f'isem is-socjeta International Sales Direct' filwaqt illi l-mandat li

tieghu qed jintalab ir-revoka inhareg f’’isem Rita Borg personalment.

Rat illi r-rikorrenti sahaq ukoll illi attwalment is-socjeta Internatonal Sales Direct Limited kienet qieghda fi stat ta’ stralc, u allura, Rita Borg ma setghetx tirrappresenta lis-socjeta International Sales Direct Limited izda, semmai, l-istralcarju seta jidher ghas-socjeta.

Rat ir-risposta ippresentata minn Rita Borg fis 27 ta’ Frar 2012 fejn hija laqghet ghat-talbiet maghmulha billi stqarret illi hija tezercita fil-kummerc bl-isem ‘International Sales Direct’, u kien f’dik il-kapacita’ illi hija baghtet l-ittra ufficjali lir-rikorrent David Grech. Ziedet ukoll tghid illi r-rikorrenti qatt ma kellu relazzjoni kummercjali ma’ International Sales Direct Limited .

L-intimata Rita Borg sahqet ukoll illi  r-rikorrent kien gia lahaq ftehim maghha wara illi inhareg il-Mandat ta’ Sekwestru Ezekuttiv meritu tal-kawza odjerna, u di fatti, kien intlahaq ftehim flimkien mal-Marixxalli tal-Qorti illi sar fl-atti tal-istess Mandat ta’ Sekwestru, u r-rikorrenti kien gia hallas parti mill-ammont dovut u ghalhekk sahqet illi l-ftehim kienet transazzjoni bejn il-partijiet u t-talba odjerna hija inawdita.

Semghet ix-xhieda ta’ Emanuel Stivala u ta’ Mario Genuis moghtija fil-11 ta’ Mejju 2012, it-tnejn Marixxalli tal-Qorti, illi kienu inkarigati mill-ezekuzzjoni tal-Mandat meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda ta’ David Grech moghtija fil-11 ta’ Mejju 2012 u d-dokumenti minnu esebiti.

Semghet ix-xhieda ta’ Nathalie Farrugia, rappresentant tal-Malta Financial Services Authority moghtija fit 12 ta’ Lulju 2012 u d-dokumenti minnha esebiti.

Semghet ix-xhieda ta’ Brenda Vella, Executive Officer fi hdan l-Employment Training Corporation moghtija fit 12 ta’ Lulju 2012 u d-dokumenti minnha esebiti.

Semghet ix-xhieda ta’ Rita Borg moghtija fit 12 ta’ Lulju 2012.

Rat illi fl 10 ta’ Dicembru 2012, il-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta’ tan-noti ghal 15 ta’ April 2013.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ David Grech ippresentata fl-20 ta’ Dicembru 2012.

Rat in-nota ta’ sottomissjonjiet ta’ Rita Borg ippresentata fis 7 ta’ Jannar 2013.

Ikkunsidrat

Illi l-azzjoni odjerna, ippresentata fis 26 ta’ Settembru 2011, hija wahda mibdija minn David Grech wara illi Rita Borg ottjeniet titolu ezekuttiv kontra tieghu permezz ta’ Ittra Ufficjali 4089/10 u ghaddiet biex tezegwixxi l-istess titolu permezz ta’ Mandat ippresentat fl-14 ta’ Jannar 2011.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li r-rikorrenti David Grech kien impjegat ma’ Rita Borg fil-business illi ghandha bl-isem ‘International Sales Direct’ izda fid 9 ta’ Gunju 2010, huwa tkecca minn fuq ix-xoghol u kien ghad fadallu pendenzi x’jhallas lill-istess Rita Borg peress illi ma kienx ghadda l-flejjes kollua illi huwa kien gabar ghal deliveries li kien ghamel ghall-istess Rita Borg.

Illi, jirrizulta ukoll mill-provi prodotti li, fl 24 ta’ Frar 2011, meta l-Marixxalli tal-Qorti Stivala u Genuis marru biex jezegixxu l-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv, r-rikorrent accetta illi kellu jhallas il-flejjes dovuti lill-Rita Borg u di fatti, quddiem l-istess Marixxalli u fl-atti tal-Mandat ta’ Qbid Ezekutiv, huwa lahaq ftehim ma’ Rita Borg fejn parti mill-ammont gie pacjut ma xi flejjes illi kellu jithallas Grech minn Borg, filwaqt illi l-kumplament kellu jithallas permezz ta’ pagamenti rateali ta’ hames mitt Euro fix-xahar.

Illi jirrizulta li mill-bilanc li kellu jhallas, ossija tlett elef, mitejn u tlieta u hamsin euro u hamsa u tmenin centezmu (€3,253.85), huwa hallas biss pagamenti wiehed ta' hames mitt euro u pagament iehor ta' erba mitt Euro, imbghad ma hallas xejn aktar.

Illi jirrizulta li, sussegwentement, infethet il-proceduri odjerna fejn r-rikorrent allega li l-Mandat kien n-null u bla effett u ghalhekk kellu jigi rexiss.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti ma tistax tifhem kif r-rikorrent, wara illi ftiehem quddiem il-Marixxalli tal-Qorti u fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv illi huwa kien ser ihallas, u addirittura ghamel zewgt pagamenti, ta' disa mitt Euro b'kollox, ittenta jiftah dawna l-proceduri sabiex iwaqqa l-effetti ta' Mandat illi huwa kien accetta u ghamel pagamenti fuqha.

Illi l-argument imressaq mir-rikorrent li l-intimata Rita Borg ma kellhiex dritt taghmel il-Mandat meritu tal-kawza odjerna huwa wiehed fallaci, peress illi, kif jaf ben tajjeb ir-rikorrenti stess, il-persuni guridiki kkontemplati fil-ligi huma biss tnejn, ossija il-persuna fizika, u il-persuna guridika.

Issa, fil-kaz in ezami, Rita Borg hija l-persuna fizika li ghamlet l-Ittra Ufficjali li wasslet ghall-hrug tal-Mandat Ezekuttiv u fl-ebda moment ma qatt saret referenza ghal-kumpannija hurigika International Sales Direct Limited, kif qieghed jallega r-rikorrent.

Il-Qorti tifhem illi l-intimata Rita Borg tezercita l-kummerc flimkien mar-ageltaghha John Borg bl-isem 'International Sales Direct', u li fl-ittra ufficjali saret tali referenza ukoll.

Il-Qorti tinnota ukoll illi fil-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv, l-intimata Rita Borg, mument minnhom talbet illi taghmel korrezzjoni fl-okkju sabiex jigi indikat illi hija ghamlet il-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv fil-kapacita taghha ta' ezercjenti

fil-kummerc bhala International Sales Direct, kif jidher a fol 40.

Il-Qorti tinnota ukoll illi, ghal ragunijiet illi taf hija biss, il-Qorti diversament ippresjeduta cahdet it-talba maghmulha taht il-pretest illi biz-zieda kienu ser jizdiedu r-rikorrenti, meta attwalment, b’tali zieda, ma kienux ser jizdiedu r-rikorrenti izda kien ser jigi biss iccarat il-pusizzjoni tal-intmata Rita Borg.

Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi r-rikorrenti ftiehem fil-presenza ta’ Ufficjali tal-Qorti li l-ammont kien dovut u li kien ser ihallas il-bilanc permezz ta’ pagamenti rateali. Huwa ghalhekk inverosimili illi, wara li ghamel tali ammissjoni, jipprova jwaqqa dak illi huwa ammetta billi jargumenta li l-Mandat huwa null u bla effett.

Il-Qorti tosserva li l-Mandat ma huwiex null u bla effett, izda huwa validu u korrett u ma ghandu ebda difetti kif qieghed jargumenta r-rikorrent. Di piu, il-Qorti tosserva ukoll illi jidher car li hawnhekk ir-rikorrent qieghed jittenta jahrab minn dak li huwa accetta li jaghmel, quddiem Ufficjali tal-Qorti, fl-atti ta’ att ufficjali tal-Qorti, sabiex ma jhallasx dak minnu dovut.

Tali agir ma huwa xejn accettabbli u huwa kundannabbli.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonjiet tal-partijiet

Tghaddi beix taqta u tiddeciedi billi

Tichad ir-rikors promoter u

Tikkundanna lir-rikorrenti sabiex ihallas ghall-ispejjez kollha tal-intimata

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------